MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 902/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Caruana u l-istess Charles Caruana**
**vs**
**Sandor Vassallo.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta April 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta tliet mij au ghoxrin lira sebgha u tmenin centezmu (Lm320.87) rapprezentanti l-valur tad-danni sofferti fil-vettura tal-attur li ggib in-numru PAR 641 f'incident stradali li sehh gewwa B'kara nhar l-14 ta Lulju 2003 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu numru AAP 813 u ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 25 ta Frar 2004 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn-notifika tal-istess

konvenut bl-ittra ufficcjali precitata kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 10 ta Mejju 2004 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li jallega li hu ma kienx jahti ghall-imsemmi ncident stradali.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Illi dan huwa kaz ta kollizzjoni li sheet bejn zewg vetturi fejn il-verzjonijiet moghtija huma ghla kollox kontrastanti ghal xulxin. Difatti z-zewg sewwieqa jallegaw li l-vettura taghhom kienet wieqfa fil-mument tal-impatt u l-attur addirittura jghid li huwa anqas biss kien riekeb go fiha meta l-konvenut dahal go fih. Illi ghalhekk it-Tribunal irid ihares ‘l hinn mix-xhieda moghtija biex jipprova jistabbilixxi r-responsabblilita ta wiehed jew l-iehor mis-sewwieqa. Il-konvenut fit-trattazzjoni finali tieghu jargumenta lid an huwa kaz fejn l-attur naqas li jipprova dak li qed jallega u kwindi l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi. Mill-banda l-ohra l-attur jargumenta li r-responsabblilita tal-konvenut tirrizulta minn provi u fatturi cirkostanzjali u oggettivi (ezempju posizzjoni tal-vetturi u tal-hsarat) u mhux necessarjament mill-verzjonijiet moghtija.

Skond is-survey report a fol 8 tal-process il-hsara fuq il-vettura tal-attur ngarbet fuq il-bieba ta wara tan-naha tax-xellug. Ir-rapport tal-pulizija a fol 14 sa 16 tal-process ma tantx jaghti wisq dawl fuq liema verzjoni tista tigi tenuta l-aktar kredibbli hlief ghall-fatt li donnu gie stabbilit li filwaqt li l-vettura tal-attur kienet parkeggjata la gemba fit-trieq, dik tal-konvenut kienet parkeggjata fuq il-bankina ossia drive-in thares lil gewwa. Din il-postazzjoni tal-vetturi tinsab konfermata wkoll fix-xhieda moghtija miz-zewg sewwieqa. L-istes zewg sewwieqa jallegaw li huma kienu wieqfa u li kienet il-parti l-ohra li rriversjat go fih.

Naturalment dan ma jistax ikun peress kieku l-habta ma kinietx issehh.

Illi minn ezami tal-provi mressqa, t-Tribunal huwa tal-fehma li kien il-konvenut li rriversja fil-vettura tal-attur u mhux bil-kontra. Illi tali konkluzjoni tinsab soddisfacentement ipprovata permezz tas-segwenti fatturi:-

1) Il-vettura tal-attur kellha hsara fuq in-naha ta wara tax-xellug fuq il-gemb taghha filwaqt li dik tal-konvenuta kellha l-hsara fuq il-bumper ta wara. Tenut kont ta dan il-fatt oggettiv wiehed ma jasalx hlief ghal tali konkluzjoni peress illi altrimenti ma hux spjegabbli kif l-attur seta jirriversja ghal fuq il-konvenut u jolqot il-bieba tal-gemb tieghu;

2) Filwaqt li l-attur ighid li kien ghadu kemm ipparkja u fil-fatt kien barra l-vettura tieghu, l-konvenut jammetti li kien dahal fil-vettura tieghu biex jitlaq minn fuq il-post u difatti l-makna tieghu kienet gia startjata. Illi t-Tribunal ma jsibx lill-konvenut kredibbli meta jghid li kien startja l-makna pero baqa wieqaf ghal xi minuti jiccekkja l-ordnijiet li kien fadallu. Se mai tali cekkjar isir qabel ma tistartja l-makna. Il-fatt li kellu l-makna mixghula hija sinifikattiva u indikattiva ferm li l-konvenut kien pront biex jitlaq minn fuq il-post u ghalhekk kien hu li ghamel il-manuvra ta reverse u dahal fil-vettura tal-attur.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Sandro Vassallo unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet minnu sollevati u konsegwentement ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma minnhom rikjesta ta tliet mija u ghoxrin liri maltin sebgha u tmenin centezmu (Lm320.87) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta l-ittra ufficcjali datata 25 ta Frar 2004 u bl-ispejjes gudizzjarji ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------